**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott Iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 04/16 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | 27/04/16 fis-6.15pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti fis-6.45pm |
| | Amanda Abela | Preżenti mis-7pm sat-8.30pm |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Preżenti |
| | Raymond Caruana | Preżenti |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti mis-7pm |
| | Joseph Hales | Preżenti mis-6.25pm |
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon<br>Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |
| **Skużata** | L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ | Laura Caruana |

**04. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 03/16 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet: | |
| | 03.2.16 | Minflok 'Darba Waħda', jidħlu l-kliem 'International Language Day'. | | |
| | 03.2.20 | Qabel il-kelma 'lift', jidħlu l-kliem 'meta snin ilu'. | | |
| | 03.8.4 | Jiżdiedu l-kliem 'waqt Ġieh iż-Żejtun'. | | |
| | 03.8.7 | Minflok 'Trejqet il-Ħabb', jidħlu l-kliem 'Trejqet Ħabb il-Qamħ' | | |
| | 03.8.11 | Minflok 'Big Band Brothers', tidħol il-kelma 'Kafena'. | | |
| | 03.8.12 | Minflok il-kliem 'kull waħda', tidħol il-kelma 'mir-rebbieħa'. | | |
| 04. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**04. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04 2 1 | 03.2.1 | Hales: Talba għal *zebra crossing* fi Triq Dun Lawrenz Degabriele | Hales informa mill-Kunsill li reġgħet inġibdet l-attenzjoni ta' TM dwar din it-talba. | Hales |
| 04 2 2 | 03.2.5 | Sindku: Triq il-Qadi | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-istima mingħand il-Kuntrattur Tabone għadha ma waslitx. | Sindku |
| 04 2 3 | 03.2.6 | Hales: *Directional Signs* | Hales irraporta li ġie propost lill-Koptasin li dawn ikun lesti għall-festa tal-lokal. | Hales |
| 04 2 4 | 03.2.7 & 03.2.9 | Hales: *Traffic Management* Triq Santa Ċeċilja u l-parti d-dejqa ta' Triq il-Bandolier u Triq Kastellan | Hales informa lill-Kunsill li dawn ġew applikati. | Hales |
| 04 2 5 | 03.2.8 | Hales: *Traffic Managment* Triq l-Isqof Emanuel Galea | Hales informa lill-Kusnill li dan ġie approvat minn TM. | Hales |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 2 | 6 | | 03.2.10 | Hales: *Traffic Management* fi Triq l-Isqof Emm. Galea permezz ta' road markings | Hales spjega li għadha pendenti minħabba problema li teżisti mal-KoptaSin. | Hales |
| 04 | 2 | 7 | | 03.2.18 | Hales: Mera fi Triq Ħal Tarxien | Hales informa lill-Kunsill li din twaħħlet. | Hales |
| 04 | 2 | 8 | i | 03.2.19 | Caruana: *Double yellow lines* 71, Triq id-Duluri | Caruana rrimarka li din għadha pendenti. | Hales |
| | | | ii | | Caruana: Triq id-Daħla ta' San Tumas - Tabelli u Road markings | Caruana talab sabiex issir give way biż-żebgħa fi Triq id-Daħla ta' San Tumas peress li t-tabella biss mhux qed tkun biżżejjed. Hales qal li jekk din issir, din titlaq wara ġimgħa minħabba l-volum ta' karozzi li jgħaddu minn hemmhekk. Is-Sindku inkariga lil Hales sabiex jiċċekkja t-tabelli f'din it-triq. | Hales |
| 04 | 2 | 9 | | 03.3.2 | Hales: DYL faċċata tal-garaxx 5, Triq l-Isqof Antonio Zahra | Hales informa lill-Kunsill li dawn saru. | Hales |
| 04 | 2 | 10 | | 03.3.4 | Viċi-Sindku: Aċċessibilta' Knisja Parrokkjali | Il-Viċi-Sindku rrapurtat li hi tkellmet mal-Perit Magro fejn dawn bħala Knisja kkorrispondew mal-KNDP. Dawn qed jgħidu li l-Knisja hi aċċessibbli peress li hemm diversi rampi u kif ukoll hemm lift għall-mużew li hemm ġewwa l-Knisja. Kien hemm suġġerimenti li għandha ssir rampa ta' l-injam ħdejn l-istatwa ta' Santu Rokku għal fuq iz-zuntier. | Viċi-Sindku |
| 04 | 2 | 11 | | 03.3.5 | Hales: Ħsara fuq il-faċċata ta' residenza fi Triq Santa Marija | Hales irraporta li din it-tabella diġa' teżisti. | Hales |
| 04 | 2 | 12 | | 03.3.6 | Hales: Talba għal *un/loading* quddiem Ta Pataw Bakery, Triq Anġlu Grima | Hales informa lill-Kunsill li dwar din it-talba ttieħdet azzjoni. | Hales |
| 04 | 2 | 13 | | 03.5.1 | Sindku: Serata Ġieh iż-Żejtun | Is-Sindku faħħar is-serata ta' Ġieh iż-Żejtun li kienet attivita' eċċellenti. Huwa faħħar lill-Kunsillier Chircop, lil kull min għenu, kif ukoll lill-parteċipanti. | Chircop |
| 04 | 2 | 14 | | 03.8.1 | Camilleri: Xkaffar fil-Librerija | Camilleri nforma lill-Kunsill li l-ixkaffar tal-librerija ser jinħadmu fil-garaxx tal-Gvern ġewwa Ħal Far mingħajr ħlas wara li jinxtara l-injam mill-Kunsill bl-ispeċifikazzjonijiet neċessarji. **Il-Kunsill qabel nem.con li jinxtara tapit ġdid għat-taqsima *story telling* fil-librerija pubblika.** | |
| 04 | 2 | 15 | | 03.8.8 | Fenech: *Ground tal-Football* | Fenech irrapurtat li bħalissa qed issir ħidma fuq it-*tender*. Dan il-proċess twal peress is-sistema tbiddlet u issa kollox qed issir bl-Etenders. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04 | 2 | 16 | | 03.8.10 | Hales: *Scammel* fi Triq Ġebel San Martin | Hales spjega li dan tneħħa wara azzjoni meħuda minn TM. Ir-*recycling bins* huma mingħajr għatu. | Hales |
| 04 | 2 | 17 | | 03.8.11 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop irraporta li waqt is-serata ngħata Ġieh iż-Żejtun lil Brian Craus u 3 rikonoxximenti lil Dun Angelo Seychell, Trevor Zahra u Elton Zarb. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 2 | 18 | 03.8.12 | Chircop: Konkors Lettararju | Chircop irraporta li ir-rebbieħa kienu kif ġej: Kategorija Djalett: Emnauel Psaila MS: Lino Psaila, Poeżija: Joe Baldacchino Żgħażagħ: Andre' Mifsud. Inħarġu żewġ kotba bi 30 kitba li daħlu għal dan il-konkors. | Chircop |
| 04 | 2 | 19 | 03.8.13 | Chircop: Laqgħa Filatelika Ġużeppi Tabone | Chircop qal li għal din il-laqgħa kien hemm attendenza tajba ħafna u kien hemm rimarki li tajjeb li dawn il-laqgħat jibqgħu jsiru. Is-Sindku skuża ruħu li ma setax jattendi peress li kien imsiefer. Carmela Tabone stqarret li hi tiftakar lil missierha, Fidiel Tabone, li kien hu li pitter l-ewwel kamra tal-Kunsill. | Chircop |
| 04 | 2 | 20 | 03.8.14 | Chircop: Stedina għal *Commonwealth Day* | Chircop irraporta li l-grupp Zoey attendew għall-istedina ġewwa l-Parlament. Din kienet streamed live fuq Parliament TV. | Chircop |
| 04 | 2 | 21 | 03.8.15 | Hales: *Traffic Management* fi Triq il-Qadi | Hales informa lill-Kunsill li din għadha pendenti. | Hales |
| 04 | 2 | 22 | 03.8.17 | Chircop: Kompetizzjoni Armar tal-Ġimgħa l-Kbira | Chircop ħabbar ir-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni: fit-tielet post Noel Borg, fit-tieni post Brian Gatt u l-ewwel post Louis Mifsud. Inħareġ fuljett bl-attivitajiet konnessi mal-Ġimgħa l-Kbira. | Chircop |
| 04 | 2 | 23 | | Chircop: *Hike* għall-studenti żgħażagħ | Chircop informa lill-kunsill li sar *hike* fl-inħawi tal-munxar matul il-vaganzi ta' l-Għid. | Chircop |
| 04 | 2 | 24 | 03.8.21 | Caruana: Dawl - Knisja San Girgor | Caruana rraporta li ġie rranġat id-dawl mal-Knisja ta' San Girgor u għaldaqstant l-area tinsab iktar imdawwla. | |
| 04 | 2 | 25 | | Sindku: Tindif taċ-ċimiterji | Is-Sindku staqsa jekk għandniex nagħmlu tindif fiċ-ċimiterji. Hales wieġeb fin-negattiv. | |
| 04 | 2 | 26 | 03.8.22 | Caruana: *Bollard* f'Misraħ ir-Repubblika | Caruana nforma lill-Kunsill li f'Misraħ ir-Repubblika hemm *bollard* maqlugħa. Is-Sindku qal li din ser issir bil-ħaddiema tal-Kunsill. Camilleri talab sabiex jitranġaw 4 madumiet maqlugħin fi Vjal 25 ta' Novembru quddiem Nero. | Sindku |
| 04 | 2 | 27 | 03.8.23 | Caruana: Skips f'Ta Ganza | Caruana nforma lill-Kunsill li l-*iskips* li huma propjeta' Ta' Ganza Shopping Centre qed ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti tal-blokki Ta' Ganza meta jkun ir-riħ. | |
| 04 | 2 | 28 | 03.8.27 | Agius: Proġett 'Darba Waħda' | Agius qalet li fadal żewġ sezzjonijiet u tkellmet dwar il-problema tat-trasport. Hi rrimarkat li t-tfal qed jattendu iżda naqset l-attendenza ta' l-anzjani. | Agus |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 2 | 29 | 03.8.28 | Agius: Attivitajiet | Agius infurmat lill-Kunsill li saret żjara fiż-Żejtun Home, żjara lill-klieb fl-Island Sanctuary fejn ġie adottat il-kelb 'Fisher' u kif ukoll film għat-tfal. Din is-sena l-figolli saru mit-tfal stess u ħadu sehem fil-quddies ta' l-Irxoxt. Saret l-attivita' Sigurta' fil-Komunita' fis-26 ta' April ġewwa l-Pjazza tal-Suq bil-parteċipazzjoni tal-Forzi Armati, Protezzjoni Ċivili, RIU, LESA, Sezzjoni tal-Klieb, Air Wing, Bomb Disposal Unit. Hija qalet li attivita simili saret 18 -il sena ilu u din id-darba ittellgħet fl-okkażjoni tal-20 sena minn mindu Joe Attard ġie maħtur bħala Sindku ta' dan il-Kunsill. Hija irringrazzjat lil kull min ipparteċipa u attenda fosthom is-Sindku Joe Attard, il-Ministru Carmelo Abela u s-Segretarju Parlamentari Stefan Bontempo. Rigward ir-rapport fil-media li rreferew għaliha bħala l-Viċi-Sindku ddikjarat li, meta tkellmet magħhom qatt ma rreferiet għall-kariga tagħha fil-Kunsill u stqarret li ddispjaċiha li sar dan l-iżball li zgur ma sarx bil-barka tagħha. Is-Sindku qal li min-naħa tal-Kunsill inħarġet press release u ma ssemma l-ebda sotto kumitat, iżda ssemma biss il-Kunsill inġenerali. Il-Kunsillier Caruana qal li l-portal tal-media għamel ħażin li ma vverifikax u wisq iżjed li ma saritx korrezzjoni.<br><br>Il-Kunsilliera Agius ressqet mozzjoni biex tifraħ lis-Sindku ta' l-20 sena fil-kariga tiegħu. **Kulħadd qabel nem.con** | Agius |
| 04 | 2 | 30 | 03.8.29 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku rrapurtat li tqassmu l-figolli lill-persuni b'diżabilta' u kif ukoll ġiet ipprovdut trasport nhar il-Ġimgħa l-Kbira sabiex l-anzjani setgħu jitilgħu jaraw il-purċissjoni. | Viċi-Sindku |
| 04 | 2 | 31 | 03.8.31 | Sindku: Manuċċa CDCC | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-accounts kellhom jintefgħu fuq is-sistema tas-Sage. Din is-sistema inxtrat u ġiet installata. Bħalissa qed issir id-data entry sabiex l-accounts ikunu jistgħu jinħadmu. Kif dawn ikunu lesti, jiġu ppreżentati. | Sindku<br>Agius |

**04 3 Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/16. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 1 | 6 | MEPA: PA3335/15 | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan l-iżvilupp għandu jżomm il-karatteristika ta' l-inħawi.** | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04 3 2 | | 16 | AKL: *European Youth Event* | **Il-Kunsill approva li l-Kunsilliera Amanda Abela tattendi għal dan l-avveniment ġewwa Strasburgu ġewwa Franza. Il-Kunsill ser jagħmel tajjeb għal Eur270 ta' l-ispejjeż. F'dan il-waqt Amanda Abela ma kinetx preżenti fl-Awla tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 04 3 3 | | 17 & 18 | TM: Approvazzjonijiet | Il-Kunsill innota l-approvazzjonijiet tat-traffiku li saru min TM. | Hales |
| 04 3 4 | | 22 | Joe Agius: Ħsarat fuq vettura fi Triq l-Arċipriet Degabriele | Il-Kunsilliera Agius qamet minn mal-medja minħabba interess pekunjarju. **Il-Kunsill approva l-ħlas skont it-talba għal ħsara li ġarrbet il-vettura tas-Sur Agius minħabba ħofra. Il-kont kien biss għall-parts u ma nkludiex ix-xogħol.** | Segretarjat |
| 04 3 5 | | 23 | Halmann Vella: *Patterns* tal-Madum | Is-Sindku ippreżenta *patterns* tal-madum provduti minn Halmann Vella għall-entratura tal-Kunsill minflok dak diġa' mwaħħal mill-istess Kumpanija. | |
| 04 3 6 | | 25 | Greenpak: *Agreement* | Is-Sindku ppreżenta lill-Kunsill il-final agreement tar-Recycling Tuesdays mal-Greenpak. Il-GreenMt ma ssottomettew ebda offerta. Il-Greenpak ser jibqgħu jissupplixxu l-boroż filwaqt li dwar il-ħsarat tar-recycling bins għad ma kienx hemm ftehim mal-WastServ. **Il-Kunsill approva dan il-ftehim.** | Sindku |
| 04 3 7 | | 27 | Segretarjat: Affarijiet għar-rimi | **Il-Kunsill approva l-affarijiet għar-rimi, hekk kif preżentati.** | Segretarjat |
| 04 3 8 | | 28 | Fondazzjoni Nazzaret: Attivita' 15 ta' Mejju | **Il-Kunsill approva nem.con li l-Fondazzjoni Nazzaret torganizza l-mixja 'Bil-Qadfa ta' Kulħadd' nhar il-Ħadd 15 ta' Mejju f'Misraħ is-Suq fl-10.00am. Il-latrini pubbliċi ser ikunu miftuħin.** | Viċi-Sindku |

**04. 4. Ħlasijiet**

| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|
| 04 4 1 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/16 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarju |
| 04 4 2 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/16 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 04/16 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| | i | 33 | Is-Sindku talab sabiex dan il-kont jitħallas iżda ma jsirx użu ta' l-isem 'youths@local' għalissa. | | |
| | ii | 106/7 | Hales ippropona li għandhom isiru l-cameras fil-latrini pubblici peress li ta' spiss qed ikollna ammonti konsiderevoli ta' ħsarat. Ser jinġiebu kwotazzjonijiet. | | |
| 04 4 3 | | | Talbiet għal Xiri Seduta 04/16 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04 4 4 | | Petty Cash - Marzu 2016 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Marzu hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €68.47.** | Segretarju |

**04. 5.** **Triq Alfred Cachia Zammit**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 5 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li beda l-proċess sabiex ikun verifikat x'hemm bżonn li jsir fuq is-sistemi tad-drenaġġ u ta' l-ilma fi Triq Bormla. Ser isir main ġdid biex jissuplixxi ir-*reservoir* ta' Bulebel u li dan ser jitla minn Sant'Antnin. | |
| 04. 5 2 | | | **Il-Kunsill qabel li għandu jibqa' jinsisti sabiex isiru toroq Bir id-Deheb, Labour u Dun Lawrenz Degabriele.** | |
| 04. 5 3 | | | Caruana talab sabiex isir il-wiċċ ta' Triq Ħal Tarxien. Is-Sindku spjega li ser nipproponu li meta ssir Triq Alfred Cachia Zammit, għandha issir Triq Ħal Tarxien minħabba li din it-triq ser isservi ta' *diversion*. | |

**04. 6.** **Triq l-Għannejja / Triq Ta' Tavlin**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fi Triq l-Għannejja, Triq Ta' Tavlin u Triq Palma, mexa ġmielu. Issa fadal l-aħħar fażi dik tar-*resurfacing*. Bħalissa qed isir xogħol fuq id-drenaġġ fi Sqaq Ta' Tavlin Nru 2 u dan ser ikun *resurfaced* bil-*concreteprint*. Sa l-aħħar ta' Mejju, ix-xogħol kollu ikun lest. | |

**04. 7.** **Ri-organizzazzjoni tas-Sistema tal-Filing**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 7. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku ddikjara li l-Kunsillier Hales huwa inkarigat mill-mauntenzjoni tal-binja u tas-sistema tal-*filing*. Sar inventarju mill-ġdid taċ-ċwievet, kif ukoll inġabru flus li kienu dovuti lill-Kunsill mill-Arms u minn reklamar fuq *street furniture* tal-Kunsill. | Hales |
| 04. 7. 2 | | | Bħalissa qed issir dokumentazzjoni tal-files tal-Kunsill mill-bidu tiegħu s'issa. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Hales għax-xogħol estensiv li qed iwettaq bħala *precincts officer* bla ma naqqas xejn mix-xogħol tad-dekasteri tiegħu. Hales irringrazzja lill-istaff tax-xogħol li qed isir fuq dan il-proġett. | Hales |

**04 8** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04 8 1 | | Proponent: Caruana<br>Sekondant: Hales | **Il-Kunsill qabel nem.con li l-parti li tagħlaq f'Misraħ Karmenu Grima, tiġi msemmija Triq l-Arċisqof Mons.Ġużeppi Mercieca 1928-2016 peress li dan għex u għażel li jmut propju f'din it-triq.** | Hales |
| 04 8 2 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Caruana | **Il-Kunsill qabel nem.con li l-isem ta' Sqaq Sant'Anġlu jinbidel u jsir Mogħdija Tarċisju Cassar, Arġentier 1934-2014, peress li din hija trejqa li tgħaqqad, Triq Sant'Anġlu, fejn trabba u Triq Alfredo Cachia Zammit fejn kellu l-ħanut.** | Hales |
| 04 8 3 | | Hales - Arkivju | **Il-Kunsill qabel li jinġiebu kwotazzjonijiet sabiex isir arkivju diġitali hekk kif propost fil-mozzjoni.** | Hales |
| 04 8 4 | | Hales - Triq San Duminku - one way | **Il-Kunsill qabel li l-parti ta' Triq San Duminku li tibda minn k/m Triq Ħal Bajda sa k/m Triq Ta' Tnella issir *one way traffic* fejn id-dħul ikun min-naħa li tmiss ma' Triq Ta' Tnella.** | Hales |
| 04 8 5 | | Hales - Triq Dun Lawrenz Degabriele - No heavy vehicles | **Il-Kunsill qabel li Triq l-Arċipriet Degabriele ma tibqax aċċessibbli għat-trakkijiet. Għaldaqstant ser tinġieb l-approvazzjoni ta' TM.** | Hales |
| 04 8 6 | | Chircop - Ġieħ iż-Żejtun | **Il-Kunsill qabel li għandha tinħatar Kummissjoni sabiex toħroġ sett ta' regoli ċari li l-Kunsill għandu jimxi magħhom. Ser tingħata ċans sa Novembru sabiex dawn jiġu ppreżentati u approvati mill-Kunsill. Il-verifiki tal-persuni nominati kif ukoll l-għażla tibqa' prerogattiva tal-Kunsill.** | |

**04. 9. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04 9 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Aġġustamenti Finanzjarji | Is-Sindku talab sospensjoni ta' l-agenda sabiex jiġu ppreżentati l-aġġustamenti wara l-awditjar li sar minn Gran Thorton. WasteServ Eur10,083 - għal ħlas ta' tipping fees li jsir minn DLG peress li jkun inqabeż l-allokkazjoni pprovduta lill-Kunsill.Ser jitnaqqsu l-grants Eur27,315 ta' M313 peress li dawn ġew kapitalizzati f'Jannar'15. **Il-Kunsill approva.** Il-Kunsill innota li għalaq is-sena 2015 b'*surplus* ta' Eur96,000. | Sindku<br>Segretarju Eżekuttiv |
| 04 9 2 | | Fenech: Skatepark the wall | Fenech irrapurtat li qed isir l-injam u qed jiġi mpenġi l-*mural* li ser jitlesta sa l-aħħar ta' Lulju. | Fenech |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 9 | 3 | Fenech: Tellieqa Ġennata | Fenech infurmat lill-Kunsill li s-sotto kumitat ser jieħu sehem f"Tellieqa Ġennata' organizzata minn V2018 fis-7 ta' Ġunju. Ser tinbena ċattra magħmula minn skart reċiklabbli. Ser ikunu offruti Eur400 għal kull ċatra. Chircop qal li l-grupp Zoey ser jipparteċipaw ukoll. Kien hemm qbil li tintuża l-kamra ta' San Girgor għal bini taċ-ċatra. | Chircop Fenech |
| 04 | 9 | 4 | Fenech: Problemi ta' parkeġġ fi Triq E. Attard Bezzina | Fenech ġabet fuq il-mejda tal-Kunsill il-problema ta' parkeġġ li teżisti fi Triq E. Attard Bezzina. Hija qajmet il-każ ta' persuna b'diżabilita' li m'għandix reserved parking peress li għandu l-garaxx. Għaldaqstant ser isiru l-*yellow lines* adegwati. | Hales |
| 04 | 9 | 5 | Abela: *Sleeping policeman* - Triq Hector Dalli | Abela talbet sabiex issir *sleeping policeman* fi Triq Hector Dalli. Is-Sindku spjega li din it-talba ma tistax tintlaqa' peress li jekk issir *sleeping policeman* f'din it-triq, iridu jsiru oħrajn f'toroq oħra simili li huma l-maġġoranza tat-toroq fiż-Żejtun. | |
| 04 | 9 | 6 | Hales: Awguri | **Il-Kunsill qabel li għandu jifraħ lill-Profs Alfred Vella li leħaq rettur ġdid ta' l-Universita ta' Malta.** | Segretarjat |
| 04 | 9 | 7 | Chircop: Vittmi tal-Gwerra u Kors tal-Inbid | Chircop informa lill-Kunsill li fl-1 ta' Mejju ser issir il-memorja tal-Vittmi tal-Gwerra wara l-quddies tal-11am.<br>Ser isir kors ta ' tliet sessjonijiet ta' kif isir l-inbid fis-Sala tal-Kunsill f'Ġunju, kull nhar ta' Tnejn. | Chircop |
| 04 | 9 | 8 | Chircop: 30 minuta parkeġġ Vjal 25 ta' Novembru | Chircop staqsa jekk it-tabelli ta' 30 minuta fi Vjal 25 ta' Novembru għadhomx validi. Il-Kunsillier Caruana qal li qed jingħataw ammont ta' ċitazzjonijiet fi Triq Anġlu Gatt. Is-Sindku spjega li nistgħu nitolbu rapport fl-aħħar tax-xahar iżda n-numru ta' parkeġġi b'nofs siegħa limitu jonqos u japplika biss għall-ħinijiet meta l-bank ikun miftuħ. | Sindku Hales |
| 04 | 9 | 9 | Chircop: *Yellow line* fi Triq Alfred de Bussan | **Il-Kunsill qabel li jagħmel *yellow line* fil-kantuniera ta' Triql-Arċipriet de Bussan minħabba problema ta' parkeġġ.** | Hales |
| 04 | 9 | 10 | Chircop: *Refreshing* ta' *Keep Clear* | **Il-Kunsill laqa' t-talba sabiex isir *refreshing* tal-*keep clear* tal-MaltCo fi Triq A. Cachia Zammit.** | Hales |
| 04 | 9 | 11 | Chircop: Ħmieġ - parti t'isfel fi Triq Falkunier | **Il-Kunsill qabel li jsir it-tindif tal-parti pubblika t'isfel ta' Triq Falkunier.** | Hales |
| 04 | 9 | 12 | Chircop: Stemma tal-Kunsill Vjal 25 ta' Novembru | Chircop talab sabiex isir it-tindif ta' l-istemma tal-Kunsill fi Vjal 25 ta' Novembru u jsir *floodlight*. Dan ikun possibli biss jekk isir meter tad-dawl. | Sindku Hales |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 9 | 13 | Chircop: Statwa Budaj | Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar *lettering* nieqes ma' l-istatwa tal-Budaj. Huwa fakkar li din is-sena ser jaħbat l-10 snin anniversarju mill-mewt tiegħu. Is-Sindku spjega li l-*lettering* għandu jsir *engraved* biex b'hekk tissolva din il-problema. | |
| 04 | 9 | 14 | Caruana: Madum jiċċaqlaq | Caruana ġibed l-attenzjoni dwar madum jiċċaqlaq fejn MLP Club f'Misraħ Gregorio Bonici. | Sindku |
| 04 | 9 | 15 | Caruana: *Parking bays* | Caruana talab sabiex isiru il-*parking bays* fi Triq Frank Ghio. | Hales |
| 04 | 9 | 16 | Caruana: *No right turn* fi Triq President A Buttigieg | Caruana talab sabiex it-tabella li hemm fi Triq President A Buttiġieġ li tindika *no right turn* għal Triq il-Għadam, tinżel iktar 'l isfel. | Hales |
| 04 | 9 | 17 | Caruana: Ċnut fi Vjal 25 ta' Novembru | Caruana talab sabiex issir il-manutenzjoni fuq iċ-ċnut ta' Vjal 25 ta' Novembru. Is-Sindku sjega li dawn huma propjeta' tal-privat. | Sindku |
| 04 | 9 | 18 | Caruana: Ħajt imwaqqa | Caruana ġibed l-attenzjoni dwar ħajt imwaqqa ħdejn La Fayette Court u qed jintefa' skart warajh. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma jistax jidħol u jagħmel xogħol fil-privat. L-istess ħaġa jista' jingħad fuq *boundary wall* fi Triq Sciortino. | |
| 04 | 9 | 19 | Caruana: Pavimentar - Knisja San Girgor | Caruana staqsa jistax isir xi ħaġa dwar il-pavimentar quddiem il-Knisja ta' San Girgor. Is-Sindku spjega li meta ppruvaw jagħmlu xi ħaġa ta' Heritage Malta, dawn ġew imwaqqfa. Dan huwa responsabbilta' tal-Knisja. | |
| 04 | 9 | 20 | Camilleri: Vjal 25 ta' Novembru | Camilleri talab li jsiru żewġ linji sabiex Vjal 25 ta' Novembru tinqasam u minn ikun irid imur lejn Bir id-Deheb ma joqgħodx jistenna wara dawk li jkunu sejrin lejn Tal Barrani. | |
| 04 | 9 | 21 | Camilleri: Self ta' kotba Primarja B | Camilleri nforma lill-Kunsill li l-Kap ta' l-Iskola Primarja B ser jagħmel card li kull student minn year 4 sa year 6 u min jissellef l-iżjed kotba, jingħata premju. Camilleri talab sabiex isir it-tindif ta' quddiem il-librerija. | Hales |
| 04 | 9 | 22 | Agius: Pagament tal-Manucca CDCC | Agius ippreżentat l-ewwel pagament tal-Manucca CDCC għal din is-sena ta' Eur9,000 li jagħmel tajjeb għall-ewwel 3 xhur. | Sindku Agius |
| 04 | 9 | 23 | Agius: Attivitajiet | Agius infurmat lill-Kunsill li ser issir *recreational activity* bejn is-6 u 8 ta' Mejju u ser isiru diversi ħarġiet tal-Pulizija għat-tfal. Hija ġibdet l-attenzjoni sabiex jinħareġ il-fuljett annwali bl-attivitajiet tas-sotto kumitati li jitqassam f'kull residenza. Dan ser jitqassam f'nofs Mejju. | Agius |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 9 | 24 | Camilleri: Mcitizen | Camilleri staqsa jekk hux ser nidħlu għall-programm Mcitizen ta' TCTC. Is-Sindku spjega li din il-proposta ġiet quddiem ir-Reġjun u ma dħalniex fiha peress li ma kienx provdut informazzjoni dwar it-tip ta' kors offrut. Camilleri qal li għalkemm kien sar kors, dan kien kors differenti. Għaldaqstant Camilleri ser jistaqsi dwar dan il-kors. | Camilleri |
| 04 | 9 | 25 | Viċi-Sindku: Korrispondenza DLG | Il-Viċi-Sindku rrispondiet korrispondenza dwar il-problemi li jiltaqgħu magħhom l-anjzani lid-DLG. | Viċi-Sindku |
| 04 | 9 | 26 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ġiet mistiedna nhar l-4 ta' Mejju minn CareMalta għall-attivita' ġewwa d-Dar ta' l-Anzjani. Dak inhar l-anzjani ser jingħataw xi ħaġa fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Fis-6 ta' Mejju il-persuni b'diżabilita' ser jieħdu sehem fl-Infiorata fi Pjazza San Ġorġ bħala parti minn proġett ta' V2018. It-trasport ser ikunu sussidjat. | Viċi-Sindku |
| 04 | 9 | 27 | Viċi-Sindku: Funtana fi Triq l-Isqof Ferdinand Mattei | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar funtana li għad fiha l-ilma f'din it-triq. Is-Sindku spjega li għad fadal biss ħawt bl-ilma li dan ser jitneħħa. | Hales |
| 04 | 9 | 28 | Viċi-Sindku: Ħaddiema Manwali | Il-Viċi-Sindku staqsiet kemm għad fadal ħaddiema manwali mal-Kunsill. Is-Sindku spjega li bħalissa għandna 4 Community workers, 1 IPSL, 2 ħaddiema IPSL huma assenjati fuq bażi temporanja u 1 impjegat tal-Kunsill. | Sindku |
| 04 | 9 | 29 | Viċi-Sindku: Tabella ta' direzzjoni | **Il-Kunsill qabel li jagħmel tabella fi Triq l-Isqof Zahra k/m Triq Sant'Anġlu li tindika li Triq l-Isqof Zahra ma tistax ddur fuq ix-xellug.** | Hales |
| 03 | 8 | 30 | Caruana: *Billboards* | Caruana staqsiet dwar il-kwistjoni tar-reġistrazzjoni tal-*billboards*. Is-Sindku spjega li mal-*billboards* tista' tikteb biss Merħba Żejtun. Dwar il-billboards ħarġet sejħa għall-kummenti mill-pubbliku. | Hales |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Mejju, 2016 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

iffirmat
Joe Attard
Sindku

iffirmat
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv